KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Ghawdex - Malta

**Minuti tal-31 laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar, 2015 u li bdiet fl-5.10 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku: | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri: | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| Uffiċċjali: | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatur: | Is-Sur Eric Gauci kien assenti |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-laqgħa bdiet fl-5.10 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgħat ta' qabel, Nru. 30 – 9 u dawn ġew ikkoreġuti w approvati unanimament mill-Kunsill.

## 2. Rapport Finanzjarju Annwali 2014 (Unaudited)

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju Annwali 2014 (unaudited) kif preżentat mill-Accountant JCA Limited biex jiġi approvat mill-Kunsill u jintbgħat fil-ħin lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, lill-Awditur Ġenerali u lill-Awdituri tal-Kunsill - Spiteri Bailey Co Ltd. Hu nfurmahom li dan ir-rapport irid jasal għandhom sal-Ġimgħa 20 ta' Frar, 2015. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-Financial Statments 2014 li għad irid isir l-awdijar tiegħu u jistgħu jsirulhom xi aġġustamenti. Il-Kunsill approva unanimament dawn il-Financial Statments 2014 u ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex jintbgħat.

*Fil-5.25 p.m. il-laqgħa ġiet sospiża peress li fil-kamra tal-laqgħat daħal s-Sur Emanuel Terribile u s-Sindku ssospenda l-laqgħa.*

*Il-Laqgħa tkompliet fil-5.35 p.m., fejn l-Kunsill iddiskuta dan is-suġġeriment dwar il-Ġemellaġġ ma' Pisoniano - Italja.*

**3 L-10 anniversarju tal-Ġemellaġġ ma ' Pisoniano – Italja**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din is-sena l-Kunsill Lokali Ta' Sannat u l-Comune di Pisoniano jagħlaq l-10 sena anniversarju minn meta kien ġie ffirmat l-ġemellaġġ ma dan ir-raħal fl-Italja. Hu qal li kien għalhekk li stieden u talab lis-Sur Emanuel Terribile Ex Kunsillier jattendi għal din il-laqgħa biex jispjega lill-Kunsill x'kuntatt għad fadal ma Pisoniano. Dan għaliex is-Sur Terribile flimkien ma' Ex Sindku Carmel Camilleri u l-Kunsill ta dak iż-żmien kienu l-promoturi biex jitwettaq dan il-ġemellaġġ mar-raħal ta' Pisoniano fl-Italja. Is-Sindku qal li għandu jinħatar sotto-kumitat kompost minnu, mill-Kunsilliera Maria Cassar Sultana, l-Kunsillier Joseph Bajada, s-Sur Emanuel Terribile u s-Sinjura Mary Mifsud minħabba din l-okkażżjoni u dwar dan ir-rigward. Is-Sindku talab lil dan is-sotto-kumitat u lill-Kunsillieri preżenti biex dan is-sotto-kumitat jiltaqa' l-għada l-Ħamis 19 ta' Frar, 2015 fil-bini tal-Kunsill fil-5.00 p.m. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-ġemellaġġi mill-fond ewropew tagħlaq fl-1 ta' Marzu 2015. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera Maria Cassar Sultana biex il-Kunsill jara f'hiex wasal ix-xogħol tal-ktejjeb/CD ta' informazzjoni dwar ir-raħal Ta' Sannat. Il-Kunsilliera Cassar infurmat lill-Kunsill li hi ġa tkellmet ma diversi awturi mir-raħal is-sena l-oħra u għanda tiġbor l-artikli mingħandhom. Hi semmiet lil diversi awturi li ser jiktbu artikli b'materjal ta' livel.

**4. Il-Playing field fi Triq Marziena**

Is-Sindku qal lill-Kunsill li l-Kunsill għad ma ġabarx l-fondi kollha mill-Urban Improvement Fund (MEPA) fuq ix-xogħol tal-Playing field fi Triq Marziena dan għaliex l-Kunsill għadu ma lestiex ix-xogħol kollu skond l-applikazzjoni fuq dan il-Palying field u r-raġuni kienet minnħabba l-fondi tal-Kunsill u li ma kienx ser ikun jista jħallas u jirċievi l-fondi kollha matul is-sena l-oħra. Fl-applikazzjoni li kienet saret kien intalab li jingħalaq dan il-post bil-fencing u jsir gate biex matul il-lejl dan il-post ikun magħluq. Is-Sindku sostna u l-Kunsill qabel ukoll li fl-entratura ta dan il-playing field tinsab railing u rampa wieqfa u perikoluza u li mhix aċċessibli għal persuni bi bżonnijiet speċjali u li din trid issir ġdida u kif suppost. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser jitolbu li ssir laqgħa apposta mall-UIF (MEPA) dwar dan ir-rigward biex il-Kunsill jara kif jista jirranġa din l-entratura ukoll.

**5. Komunikazzjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waħda mill-applikazzjonijiet dwar l-Proġetti Kapitali kienet fuq Mġarr ix-Xini Regional Park u li din l-applikazzjoni kienet preżentata mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat u dak tax-Xewkija peress li l-proġett hu wieħed konġunt. Is-Sindku qal li s-Sur Terribile – Project Manager qallu li l-Kumitat qed jgħamel minn kollox biex jakkwisata l-informazzjoni tas-sidien tal-art tal-wied biex jekk il-Kunsilli japplika għal fondi tal-EU ikunu jistgħu jibnu l-ħitan tas-sejjieħ. Barra dan il-Water Services Corporation talbu rapport dwar il-pumping station u dwar dan il-proġett.

5.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Project Manager ta' Mġarr ix-Xini Regional Park informa wkoll liż-żewġ Kunsilli Lokali dwar il-cost-benefit analysis dwar il-proġett għall-applikazzjoni tal-EU funding meta jkun il-waqt biex iż-żewġ Kunsilli jew il-Gvern ikun jista joħroġ il-15% jew il-25% biex jiġi ffinanżjat dan il-proġett. Is-Sindku qal li l-Kunsill żgur li ma għandux il-fondi meħtieġa biex iħallas il-co-financing tal-proġett peress li l-proġett hu ta' dimensjoni kbira u jirrikjedi ammont sostanzjali ta' fondi.

5.3 Is-Sindku qal lill-Kunsill li hu qed jinsisti biex ix-xogħol fi Pjazzetta tax-Xelina u l-istorm water culvert fi Triq Dun Xand Aquilina (Miżura 313) jibda mill-Kuntrattur. Dan għadu ma bediex minħabba r-raġuni li l-Kunsill għadu qed jistenna l-letter of acceptance mill-WSC għas-servizzi l-ġodda u li din kellha tiġi approvata sal-lum. Hu qal ukoll li l-Kunsill ordna żewġ banners fuq il-canvas dwar il-proġett u li dawn twaħħlu waħda fil-Pjazza Santa Margerita u l-oħra fi Pjazetta tax-Xelina.

5.4 Is-Sindku u l-Kunsillieri qalu li l-Laqgħa Annwali Pubblika li kellha ssir nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar 2015, fis-6.30 p.m., fil-bini amministrattiv tal-Kunsill ma attenda ħadd għalija minkejja li saru l-avviżi.

5.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi Triq Bardan fejn sar il-wiċċ ta' triq bil-konkos dan l-aħħar saret trinka u ma ngħalqitx kif suppost. Is-Sindku qal li ser jinvestiga minn għamel din it-trinka sabiex tiġi rranġata mill-aktar fis.

5.6 Is-Sindku qal lill-Kunsill li f'diversi toroq hemm il-ħofor li dawn saru bl-għarar tal-ilmijiet tax-xita u li dawn għandhom jiġu ppeċjati bit-tarmak. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiġbor il-kwotazzjonijiet biex dawn ħofor fit-toroq jiġu ppeċjati.

5.6 Is-Sindku flimkien mall-Kunsill semmew l-istat ta' Triq Ġerxija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li mill-budgit ta' din is-sena ma hemmx fondi biex issir it-triq. Is-Sindku spjega li din it-triq tirrikjedi ammont konsiderevoli ta' flus biex issir kemm il-wiċċ u s-servizzi mill-ġdid. Hu qal li l-aħjar isir laqgħa apposta mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Bontempo u d-Direttur għall-Gvern Lokali biex isir ftehiem bejn il-Kunsill Lokali u d-Dipartiment sabiex japprovaw biex issir din it-triq u titħallas fi tlett snin. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 6. Materja oħra

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva mid-DLG dwar it-twessieħ ta' toroq ta' Triq tal-Gruwa u Triq ix-Xewkija. Hu nforma lill-Kunsill li għandu jistenna mingħand id-Direttur tad-DLG u li hu ġie mitlub jikkomunika ma' Transport Malta u l-Ministeru għal Għawdex.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-kwotazzjonijiet miġbura għal xiri ta' żewġ skrivaniji ġodda għall-ufficċju amministrattiv. L-offerti mixħuta kienu ta'

| | |
|---|---|
| C. Fino & Sons Ltd. | € 839.95 |
| Raymond Cushcieri | €1495.00 |

Il-Kunsill għażel l-orħos kwotazzjoni dik ta' C.Fino & Sons Ltd. għal prezz ta' €839.95

6.3 Ħatra ta' Skrivana - Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li meta s-Sinjura Salvina Mercieca ġiet infurmata biex tibda taħdem mall-Kunsill minn nhar it-Tnejn 2 ta' Frar 2015. Is-Sinjura Mercieca nfurmat lill-Kunsill bil-miktub li hi riedet taħdem tletin siegħa minnflok full-time. Il-Kunsill qabel li l-post vakanti hu għal full-timer back to back u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jitlob lill-ETC biex tibgħat għall-persuni mill-lista Part 2 skond il-proċedura.

6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu kiteb lill-Avukat tal-Kunsill dwar l-ilment tas-Sur Tarcisio Grima ta' Triq l-Isqof David Cocco Palmeri fuq katusa tad-drenaġġ u li fit-tweġiba tiegħu l-Avukat informa lill-Kunsill li ma għandux jidħol fiha. Din il-kwistjoni qegħda bejn ir-resident u l-WSC. Hu qal li jekk il-problema ġejja mill-main irid isewwija l-WSC jekk le r-responsabilta hi tar-resident.

6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill b'imejl mingħand is-Sur Emanuel Grima mit-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn talab lill-Kunsill l-għajnuna f'xiri ta 6 mementos għal waqt attivita' korali u kultura li se ssir fil-Knisja Parrokkjali Ta' Sannat f' April li ġej. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu talab bil-miktub kemm hu l-prezz ta' dawn is-6 mementos. Is-Sur Grima wieġeb li dawn se jiġu madwar €300. Il-Kunsill qabel ma dan.

6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Greenpak ser jgħaddu l-boroż il-ħodor biex jitqassmu lir-residenti u fformolaw flyer dwar x'għandu jinxteħet f'dawn il-boroż.

6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Perit Brian Curmi qed jitlob f'isem Rosina Tabone "Rosina's Bar" ta' Pjazzetta tax-Xelina lill-Kunsill Lokali Ta' Sannat jekk isibx oġġezzjoni li s-Sinjura Tabone tapplika għat-tqegħid ta' siġġijiet u mwejjed quddiem il-ħanut tagħha kif mitlub minn Transport Malta għal applikazzjoni li qed tagħmel din is-sid ta dan il-Bar. Il-Kunsill qal li ma jsibx oġġezzjoni dwar dan.

6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bi stedina mill-Lord Chambray Brewery għal tour fil-brewery tagħhom fil-Gozitano ix-Xewkija.

6.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu talab kif kien mitlub mill-Kunsill lill-E. Grech Crystal Bath Ltd. kwotazzjoni rikjesta dwar it-toilet rolls holders kbar tal-latrina pubblika fi Triq Sannat. Il-prezz hu ta' €28.74c il-waħda. Il-Kunsill qabel li għandu jixtri erba' minnhom waħda ġo kull toilet. Ma dan is-Sindku talab lill-Kunsill li għandhom jinxtraw erbgħa litter bins fil-latrina pubblika, wieħed f'kull toilet. Il-Kunsill qabel ma dan.

6.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li biex ma jinħeliex d-dawl fil-latrina pubblika għandhom isiru tlett automatic sensors waħda f'kull sezzjoni f'dik tal-irġiel f'tan-nisa u l-oħra f'tal-persuni bi bżonnijiet specjali. Intalbet kwotazzjoni mingħand R.E.P.S. – Ronald Bugeja il-Kuntrattur li ħadem il-pluming u d-dawl fl-istess latrina pubblika. Il-Kwotazzjoni għal dawn l-automatic sensor tad-dawl fil-latrina pubblika hi ta' €550.00c. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru.

6.11 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kumitat tal-Partit Laburista Ta' Sannat ħatar lil Kunsilliera Margaret Said għal Bord maħtur mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat dwar il-Proġett ta' Tisbieħ ta' Pjazza Santa Margerita.

## 7. Ilmenti u suġġerimenti

1. Is-Sur Gregory Stellini li joqħod Evergreen, Triq Ta' Bebunaq, qed jitlob li tigi rranġata l-bankina ta' quddiem id-dar tiegħu peress li meta tagħmel ix-xita qed jidħol ħafna ilma fil-kantina. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi l-Perit tal-Kunsill u jara x'hemm bżonn li jsir.

2. Is-Sinjura Lisa Bajada li toqgħod 1, Triq l-10 t'Ottubru, qed titlob li tiġi rranġata t-Triq li għadha kif ingħatat it-tarmak speċjalment quddiem ir-residenza tagħha peress li diġa niżlet. Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill kien kellem lill-Kuntrattur dwar dan u l-Kuntrattur għandu jerġa jiġi mfakkar dwar dan.

3. Is-Sur Peter LLewelly li joqgħod Dar es Salam, Triq il-Barumbara tal-Bies, qed jitlob biex isir patching fi Triq Skerla kemm jista jkun malajr peress li hemm ħafna ħofor u hi perikoluża specjalment fid-dlam peress li hu juża l-mutur. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb dawn il-ħofor biex jiġu ppeċjati.

4. Is-Sur Domenik Borg ta' St. Margaret, Triq Gerxija, qed jilmenta li f'nofs it-Triq hemm borġ ramel li qed jikkawza inkonvinjent lir-residenti ta din it-Triq. Il-Kunsill għandu jara ta min hu dan sabiex jinġabar minn fejn hu.

5. Is-Sinjura Maria Vella li toqgħod 35, Teperamia, Triq il-Kbira, qed titlob li jsiru double yellow lines mar residenza tagħha peress li mhix tkun tista toħroġ mill-garage. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru dawn id-double yellow lines.

6. Is-Sur George Spiteri li joqgħod Casa Sta. Maria, fi Triq Marsilja, qed jitlob biex tiġi rranġata ħofra quddiem r-residenza tiegħu.

7. Il-Kunsillier Joe Bajada ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq il-Kbira hemm binja ġdida b'ħajt tal-kantun mibni quddiema. Il-Kunsill għandu jkellem lil sid din id-dar biex dan il-ħajt jitneħħa.

8. Il-Kunsilliera Marija Cassar Sultana talbet lill-Kunsill biex il-mera miksura fi Triq il-Kbira fejn il-farm tal-Merill tiġi mibdula. Il-Kunsill qabel li ssir waħda ġdida.

9. Il-Kunsilliera Marija Cassar Sultana talbet lill-Kunsill biex jitlob lil min hu konċernat dwar żbir ta' siġra perikoluża fi Triq il-Kbira.

10. Il-Kunsilliera Marija Cassar Sultana qalet li fi Ġnien il-Bidwi l-imwejjed li hemm ma jinstabux marbutin mall-art fil-post. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-Kuntrattur dwar dan.

11. Il-Viċi Sindku qalet li ġiet avviċinata minn xi residenti biex jitwaħħal reflector fejn is-siġra li hemm fi Triq Marsilja. Il-Kunsill qabel ma dan.

12. Il-Kunsilliera Margaret Said ġibdet l-attenzjoni għal darba oħra lill-Kunsill li l-pajp li hemm għal ġibjun fi Triq il-Kbira għadha ma nqalgħatx kif kien diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv se jmorru għand il-Pulizija biex jgħamlu rapport lill-Kuntrattur dwar dan.

## 8. Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gven Lokali

Memos tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali

Memo 4/2015 dwar Kumitat tal-Finanzi fejn id-DLG qed jitlob li jinħatar kumitat apposta. Is-Sindku u membru ieħor mill-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv u li l-Accountant tal-Kunsill għandu jkun fil-board. Dan il-bord ser ikun kompost mis-Sindku, mill-Viċi Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv u mill-Accountant tal-Kunsill.

## 9. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

Is-Segretaju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 14 biex jiġu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċetata mill-Kunsill. Kopja ta din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti.

## 10. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-7.40 p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra ser isir nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu 2015, fil-5.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**